# Il-Qatgħa tal-Erbgħin



Minn Nicholas Vassallo D. Litt

Malta tal-lum żgur m'għandhiex x'taqsam ma' kif nafuha aħna aħseb u ara ma' dik li trabbew fiha x-xjuħ tagħna. Missirijietna kellhom f'moħħhom li aħna l-ġenerazzjoni ta' wara l-gwerra konna mfissdin u ħaljin għax, skont kliemhom, tlajna fil-lussu; qatt ma naqasna xejn, la ikel u lanqas xogħol. Għalihom, trabbejna fl-iskola, bir-radju, t-*television* u kull fejn sejrin għandna l-kumdità tal-karozzi. Huma mhux hekk: kienu jieklu milli Alla jipprovdi jew (kif kienu jgħidu) "*milli joħroġ il-kunvent*". L-ikel tagħhom minestra tal-pastard u ġbejna mmellħa. Saħansitra l-ħobż, kienet tgħaġnu l-omm għall-familja kollha. It-*toys* aktarx xi biċċa njama għamla ta' xkubetta, xi ġeru jew gandlieri taċ-ċomb. X'differenza mil-logħob tal-lum fuq il-*mobile*, il-*computer* u l-*iPad*! Minn dak iż-żmien 'il hawn, il-progress qaleb id-dinja ta' taħt fuq. Imnalla!

Il-faqar u n-nuqqas ta' xogħol, l-aktar għal dawk li ma kellhomx xi ċarrut raba' fejn jgħatu daqqa ta' mgħażqa, kienu jġibu ħafna serq għax, għal min jaħdem bil-ġurnata ma' xi bdiewa, meta ma jaħdimx irid jibqa' żaqqu vojta hu u niesu! Skont ma jgħidu ta' qabilna, il-ħalliel beda jorganizza ruħu aħjar u f'ħafna nħawi mwarrba ta' Malta trawmu qtajja' ta' ħallelin magħrufin u rispettati mill-bdiewa tad-dawra tagħhom, peress li kienu jibżgħu minnhom. Dawn il-manigoldi kienu l-biża' ta' kulħadd hekk li ħadd ma kien jazzarda jlissen kelma fuqhom ma' ħaddieħor, wisq u wisq inqas mal-pulizija.

Madankollu, il-ħallelin mhux dejjem kienu nies bla xogħol. Xi wħud matul il-jum kont issibhom fuq diversi lantijiet min bħala baqqunier f'xi barriera, min naġġâr, lavrant, manwâl jew arah iġannatlek jumejn ma' mgħallem u jumejn m'ieħor imma l-ġurnata



Il-Barumbara Ta' Żuta. Il-faċċata għal ġewwa. It-twieqi tal-għassa ta' fuq il-bejt inbnew fi żmien il-gwerra.

jdabbarha xorta. Aktarx li l-ġemgħa kienet tkun imlaqqta sew min-nies tal-qatgħa, li jafu 'l xulxin u jafu wkoll kull wieħed x'isarraf. Kienu jissekku fuq id-drawwiet u l-ħajja tal-bidwi jew ta' min biħsiebhom jisirqu biex żgur ma jmorrilhomx żmerċ. Il-bdiewa, milli kien jgħidilna missieri, kienu jsibuhom bħala *tal-qatgħa tal-erbgħin* bħal tal-istorja ta' Alibaba. Missieri u z-zijiet ħafna drabi kienu jirrakkontawlna xi ġrajja li jkunu semgħu fi tfulithom mingħand ta' qabilhom u aħna konna ngħoxew nisimgħu stejjer bħal dawn, stejjer tal-waħx li jimlewlna rasna b'ħolm ikrah u tal-biża', xi wħud ta' serq komuni u oħrajn saħansitra ta' qtil li jkexkex.

L-aktar waħda li baqgħet ħajja f'moħħi hija dik ta' Toni Grima u martu Anni, żewġt ixjuħ li kienu joqogħdu fil-barumbara Ta' Żuta. Toni kien iħobb iqabbad lil Ġuzeppi Muscat, imlaqqam Ġanon, jgħinu xi jumejn fir-raba' tiegħu fuq ir-riħ tal-Fawwara, bejn għax kien xbinu u bejn għax Ġanon kellu familja x'jitma' mhux ħażin. Aktarx Toni ma kienx jaf sewwa Ġanon x'isarraf. Għall-bidu tal-1892, Ġanon ftiehem ma' tlieta oħra tal-qatgħa tiegħu biex jaħbtu għal Toni Grima magħruf bil-laqam ta' Tqiequ li kellu jdaħħal kemxa ġmielha, xi 900 skud (madwar €175) minn bejgħ ta' għalqa. Fi Frar il-ħallelin wara li qattgħu l-jum moħbijin f'għar fil-qrib jistkennu mill-irxiex u jgħarrxu lejn il-barumbara, hekk kif lemħu 'l Toni bil-fanal f'idu dieħel fil-maqjel biex jaħleb in-ngħaġiet li kellu, telgħu b'ġirja fl-għorfa wiċċhom mgħammad. Anni fil-pront għajtet lil żewġha għall-għajjut iżda huma rabtulha ħwejjiġha fuq rasha u b'ħeffa bdew iqallbu kullimkien.


Is-salib ta' tifkira tal-mewt ta' Toni u Anni Grima mal-faċċata għat-triq.

Toni, hekk kif sema' l-għajjat, ħareġ bil-borma tal-fuħħar f'idu iżda minnufih sab 'il Ġanon quddiemu. Toni ħaslu bil-ħalib iżda xbinu f'ħakka ta' għajn ġibed il-grillu tal-arma li kellu f'idu u naxru għal mejjet: delitt faħxi li qajjem għagħa sħiħ. Minħabba f'hekk il-Gvern ħareġ il-proklama u ċertu Manwel Caruana[1] mlaqqam Il-Mannaġġa, kixef lill-oħrajn. Hu ma kienx ħa sehem fis-serqa għalkemm Ġanon kien tarraflu xi ħaġa għax xtaq idaħħal lilu wkoll. Tnejn ingħataw sentenza ta' għomor il-ħabs filwaqt li Ġanon miet mgħallaq ftit aktar minn sena wara.

Qatgħa oħra li kont sikwit nisma' fuqha fi tfuliti hija dik tax-Xuxana, ċerta Marija Schembri. Kulħadd kien jibża' minnha daqs il-bard ta' Jannar għax għalkemm mara kont dejjem issibha mdaħħla f'xi serqa u kienet f'saħħitha ħafna għax, jghidu, kienet mara-raġel. Aħna ż-żgħar konna ngħoxew bl-istejjer tagħha l-aktar meta nhar ta' Ħadd wara nofsinhar, waqt il-passiġġata ma' tal-Mużew, konna ngħaddu min-naħa ta' San Niklaw. Hemmhekk, ftit 'l isfel mill-kappella, kien hemm salib imnaqqax fuq ġebla kwadra mal-ħajt tat-triq b'tifkira tal-mewt ta' Wenzu Farrugia ta' erbgħa u tletin sena. Kif kien jirrakkontalna l-prefett, darba minnhom, waqt li Wenzu kien rieqed fl-għorfa tar-razzett tiegħu fl-aħħar ta' Ottubru 1878, sema' l-fniek iwerżqu u ħareġ malajr fis-setaħ jara x'ġara. Sab li xi ħallelin kienu daħlulu għall-fniek. Malli semgħu ħoss Wenzu, il-ħallelin ħarbu iżda hu kien pront għajjat: "Għaraftkom jien, għaraftkom!" Ix-Xuxana, il-perċimes tal-qatgħa, ġemgħat b'ħeffa 'l-oħrajn u marru taw taptipa 'l Wenzu hekk li ħallewh għal mejjet. L-għada n-nies tal-Qrendi u s-Siġġiewi tkexkxu bl-aħbar iżda għal bosta snin baqa' ma nqabad ħadd sakemm, wara ħmistax-il sena, Ġużeppi Galea mis-Siġġiewi ngħata l-proklama biex kixef lil sħabu.

Ix-Xuxana weħlet għomorha l-ħabs waqt li Toni u Pawlu Farrugia wkoll mis-Siġġiewi u Salvu Psaila mill-Qrendi weħlu ħames snin kull wieħed.

Delitti bħal dawn għal dak iż-żmien ma kinux xi ħaġa rari imma s-serq, kemm minn ġor-raba' kif ukoll mid-djar, tal-għaġeb kemm kien mifrux! Fi ċkuniti tgħidx kemm kont inwaqqaf widnejja meta nisma' xi xwejjaħ jirrakkonta stejjer bħal dawn! Jiġini ġo moħħi, fost l-oħrajn, wieħed imdaħħal sew fiż-żmien jgħid lil missieri kif meta hu kien naqra ta' ġuvnott mal-lejl, minkejja li kemm hu u kemm zijuh Dovik kienu reqdin f'nofs l-għalqa qalb il-gżież tal-basal, serqulhom ħafna minnu u ħadd minnhom ma nduna b'xejn qabel sebaħ! Lill-bidwi ieħor ħadulu l-għoġla mill-maqjel tar-razzett lejn Tal-Għasfur u f'lejl wieħed qatluha, qaxxruha u ma ħallew xejn minnha għajr qrunha li nstabu ġo barumbara f'Tal-Ibraġ, lejn Tal-Ħandaq.

M'hemmx għalfejn ngħidu, l-awtoritajiet kienu jagħmlu dak kollu li jistgħu biex irażżnu għemejjel bħal dawn iżda l-kriminalità organizzata ma ssibx tarfha malajr. Sa mill-bidu tal-ħakma Ingliża f'Malta nsibu li l-Gvernatur kien sikwit joħroġ bandi jew aħjar ordnijiet dwar iż-żamma tal-ordni f'pajjiżna iżda minħabba ċ-ċirkostanzi dan mhux dejjem kien possibbli. Kien minħabba das-sens ta' biża' li missirijietna għaddew minn fomm għal ieħor dawn l-istejjer tal-imgħoddi.

[1] Joseph Galea: *F'Ġieħ il-Ħaqq* (1982). Edward Attard: *Murder in Malta* (2009) jgħid li l-ħallelin kienu ħamsa, li Il-Mannaġġa kien kunjomu Camilleri mhux Caruana; u li kien ċertu Ġanni Azzopardi li ma riedx jieħu sehem fis-serqa.


Rancisa
Pet Shop



*A place where you can find all your needs at good prices.*
*Vet & Grooming services also available.*
*(Isir ukoll tgħammir tal-fniek bit-tubu)*

**Triq Dun Manuel Zammit, Siġġiewi**
**Owner: Emerson Sammut**
**Mob: 7905 5358**
**Email: emersonsammut@yahoo.com**

**DELIVERIES & INSTALLATIONS ALL OVER MALTA & GOZO**
FREE QUOTATIONS
G.E.S ALUMINIUM
DOMESTIC & COMMERCIAL



- Specialising In Manufacture & Repairs Of Aluminium
- Custom Made Designs - P4 Aluminium Systems
- Colours To Your Own Specifications - Adjustable Louvers
- Rotating Windows - Doors & Windows
- Insect Screens - Art Metal Works - Gates
- Railings & Balconies - Tilt & Turn Windows
- Skylights - Shower Cubicles - Shop Fronts - Thermal Brake

www.gesalu.com



Chrisman Garage, Triq Dun Manwel Zammit, Siggiewi SGW 3014 Fax: 21 468 282 E-mail: gesalu@gmail.com André: 79 603 747